Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,227, 11 ta' April, 2008
Taqsima B

A.L. 116 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2008 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry – P.G. Dip. Appl. Chem.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2008 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry – P.G. Dip. Appl. Chem. u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry – P.G. Dip. Appl. Chem., ippubblikati bħala Avviż Legali 126 ta' l-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Frar 2008 'il quddiem.

L-Emenda għat-titolu tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok it-titolu tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Regolamenti ta' l-2008 tal-Kors
għall-Master of Science in Applied Chemistry"

L-Emenda għar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry - P.G. Dip. Appl. Chem.;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Applied Chemistry – M.Sc. Appl. Chem.; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry – P.G. Dip. Appl. Chem."

L-Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti bi grad fix-xjenza bil-Kimika bħala qasam ta' studju prinċipali miksub fit-tielet klassi bl-unuri jistgħu jidħlu jekk huma juru evidenza ta' esperjenza sinifikanti f'xogħol rilevanti għall-qasam ta' studju fil-Kors miksuba wara l-grad ta' l-ewwel ċiklu tagħhom."

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

(2) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jestendu l-istudji tagħhom b'mhux aktar minn sitt xhur."

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-Kors jikkonsisti minn ħdax-il taqsima studju, li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu ECTS, li minnhom 60 kredtu ECTS huma għal taqsimiet studju mgħallma u 30 kredtu ECTS huma għall-kitba ta' dissertazzjoni."

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Valutazzjoni

7. (1) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa ta' Marki	Grad
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex tkun ikkalkulata l-klassifikazzjoni finali tar-rikonoxximenti."

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

9. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Għoti tad-Diploma

8. (1) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma għandhom ikunu intitolati għall-għoti tad-Diploma jekk huma jew ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew, ma jtemmux b'suċċess il-Kors għall-Grad.

(2) Il-klassifikazzjoni finali ta' l-istudenti li jagħżlu li jieħdu d-Diploma għandha tqis il-marki kollha miksuba fil-valutazzjonijiet tat-taqsimiet studju, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull waħda.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

(4) L-istudenti li jiksbu Marka Medja Finali Mwieżna ta' 60% jkunu eliġibbli biex ikomplu għall-Kors li jwassal għall-Grad."

Iż-Żieda tar-regolamenti 9 sa 12 mar-regolamenti prinċipali

10. Ir-regolamenti 9 sa 12 li ġejjin għandhom jiżdiedu wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali:

"Id-Dissertazzjoni

9. (1) Ix-xogħol għad-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet semestru tal-Kors. Jinħatar superviżur għal kull student li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi kontinwa matul il-perijodu ta' studju.

(2) It-titolu tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu approvati mill-Bord mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tat-tielet semestru.

(3) Qabel ma jagħti d-dissertazzjoni għall-eżami, l-istudent għandu jitlob il-permess bil-miktub tas-superviżur, li għandu jkun mehmuż mad-dissertazzjoni, sakemm li student jista' jagħżel li jissottometti d-dissertazzjoni minkejja l-parir kuntrarju tas-superviżur.

(4) Is-superviżur jista' jagħti parir lill-Bord, bil-miktub, dwar il-livell milħuq minn student; dan il-parir jista' jirrakkomanda jew

(a) li jingħata estensjoni tal-perijodu ta' studju skond il-provvedimenti tar-regolament 4(2) biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew

(b) li jintemmu l-istudji qabel iż-żmien jekk is-superviżur iqis li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li l-istudent ikun ingħata ċ-ċans li jesprimi ruħu.

10. (1) Id-dissertazzjonijiet ippreżentati għall-Grad għandhom:

(a) ikunu xogħol ta' natura avvanzata jew oriġinali li sar mill-istudenti matul il-Kors u l-preżentazzjoni ta' l-iskoperti u l-konklużjonijiet tagħhom f'dokument miktub b'manjiera akkademika skond linji gwida speċifikati;

(b) jissodisfaw lill-Bord ta' l-Eżaminaturi dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni; u

(ċ) jikkonsistu minn mhux anqas minn 20,000 kelma u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha rigward il-format u l-preżentazzjoni kif stipulat fil-linji gwida rilevanti.

(2) L-ebda dissertazzjoni ma tiġi aċċettata jekk tkun identika fis-sustanza ma' xi dokument li diġà ġie mdaħħal għal xi grad f'din jew f'xi università oħra jew għal xi materjal ippubblikat ieħor. Madankollu, l-istudenti m'għandhomx ikunu mwaqqfa milli jinkorporaw xi xogħol diġà ppreżentat qabel jekk dan ikun

meħtieġ għall-preżentazzjoni u għall-fehim isħeħ ta' l-espożizzjoni tagħhom, sakemm li n-natura u l-volum tax-xogħol inkorporat ikunu indikati b'mod ċar fid-dissertazzjoni nnifisha.

(3) L-istudenti għandhom jippreżentaw żewġ kopji llegati tad-dissertazzjoni lill-Fakultà tax-Xjenza, li waħda minnhom tinżamm fil-Librerija ta' l-Università u l-oħra fid-Dipartiment tal-Kimika.

L-Eżami tad-Dissertazzjoni

11. (1) Jkun maħtur Bord ta' l-Eżaminaturi għal kull dissertazzjoni, li normalment ikun magħmul mis-superviżur u minn tliet membri oħra, li jinkludu eżaminatur barrani li jkun maħtur minn università oħra.

(2) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jeħtieġ li l-istudenti jiddefendu d-dissertazzjoni oralment quddiemhom. L-eżaminatur barrani m'għandux għalfejn ikun preżenti għad-difiża orali.

(3) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom titqies mhux sodisfaċenti jistgħu jew jeħlu jew ikunu meħtieġa mill-Bord ta' l-Eżaminaturi jerġgħu jiktbu d-dokument kollu jew parti minnu u jerġgħu jissottomettuh għall-eżami. L-istudenti jistgħu jerġgħu jissottomettu d-dissertazzjoni mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta ġew infurmati bid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi.

L-Għoti tal-Grad

12. (1) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk huma jiksbu l-kredti kollha assenjati għat-taqsimiet studju u għad-dissertazzjoni, kif indikat fir-regolament 5.

(2) Meta l-Bord jaħdem il-riżultat globali finali għandu jqis il-komponenti kollha tal-Kors u għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni tal-Grad.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku u kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda."